**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 27**

**Avviz numru 302/02JR**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Victor Galea abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Victor Galea**

**vs**

**Anthony Abela**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-8 ta' Frar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltija (Lm341.00),**

**rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-assikurat tas-socjeta` attrici Victor Galea, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, salv ghal excess ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) imhallsa mill-istess Victor Galea, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tal-10am gewwa Triq il-Hortan, Marsascala, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Victor Galea, bin-numru ta' registrazzjoni AAV-513 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni ANT-005, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju, 2001, u dik illi qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Melita Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Frar, 2002, li fiha gie eccepit:**

**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-incident de quo ma sehhx kagun ta' xi nuqqas tal-konvenut;**

**Illi kien semmai l-attur Victor Galea li kien responsabbli ghall-istess;**

**Bl-ispejjez.**

**Ra l-kontro-talba prezentata fit-23 t'April, 2002, li fiha l-konvenut talab il-hlas ta' tlieta u sebghin lira Maltija (Lm73.00) peress li l-attur rapprezentanti danni sofferti minnu, kagun ta' l-incident mertu ta' din il-kawza, li ghalih huwa unikament responsabbli l-istess Victor Galea.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 132 Joe Camilleri, Victor Galea, Rita Galea, Anthony Abela, Alison Abela, PC248 Anthony Axiaq. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fi-6 ta' Mejju, 2001 ghall-habta tal-10a.m. fi Triq il-Hortan, Marsacala. Il-vetturi involuti fl-incident kienu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAV-513 misjuqa mill-attur, u l-vettura ANT-005 misjuqa mill-konvenut.**
2. **Jirrizulta li l-incident gara fil waqt li l-attur kien diehel ghall-go Triq il-Hortan wara li kien hareg minn go Triq Gebel Hanxul. Jirrizulta li hemm "stop sign" fi Triq Gebel Hanxul, u mid-deposizzjoni ta' l-attur u ta' martu huwa waqaf qabel ma hareg minn fuq l-istop sign. Wara li hareg, l-attur ipproceda fid-direzzjoni ta' Triq il-Hortan. Minn fejn saret il-habta sa Triq Gebel Hanxul hemm 14-il metru, vide sketch esebit mill-Pulizija Dok.14.**

**3. Il-konvenut kien miexi fi Triq il-Hortan. Ma jirrizultax li l-konvenut kien miexi b'xi velocita` eccessiva. Jirrizulta li kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat fl-imsemmija triq.**

**4. Triq il-Hortan hi wiesgha seba' metri. Il-vettura tal-konvenut hi wiesgha madwar 1.6metri. Ghalhekk biex jgahddu zewg vetturi f'direzzjonijiet opposti fi Triq il-Hortan meta hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat, necessarjament dawna jghaddu piuttost inkaxxati.**

**5. Jirrizulta li l-attur kellu danni fuq il-bozza tal-genb, u l-mudguard tal-lemin ta' quddiem, u l-bonnett, filwaqt li l-konvenut kellu danni fuq il-bozza tal-genb, il-mudguard ta' quddiem tal-lemin u l-bumper**

**6. Qed jigi rilevat li l-konvenut ma qabilx mal-isketch esebit, u ghalhekk esebixxa sketch li ghamel hu, li fih juri l-vettura tieghu fid-dritt u l-vettura ta' l-attur aktar imdawra ghall-go fih. Fir-rigward it-Tribunal jinnota li, wara li sema' lill-PC 248 Anthony Axiaq, ma hemmx raguni l-ghala m'ghandux jigi accettat l-isketch li ghamlu il-pulizija bhala il-wiehed korrett, u f'dan is-sens qed jiskarta l-isketch tal-konvenut..**

**7. Jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-attur u ta' martu li kienet passiggiera mieghu, li dawn innutaw il-vettura tal-konvenut distanza sew qabel ma waslu hdejh, filwaqt li l-konvenut "ex admissis" jghid li ra lill-attur biss sekonda jew tnejn qabel il-habta. Ma jirrizultax li l-attur kien ghaddej b'xi velocita`, u f'dan il-kuntest it-Tribunal qed jikkonkludi li l-konvenut ma kienx qieghed attent bizzejjed biex jara xi traffiku kien**

**gej mill-faccata, u f'dan is-sens il-konvenut ghandu parti mill-htija ghall-eventwali kollizzjoni.**

8. **L-attur da parti tieghu jidher li baqa' diehel, ittenta li jidhol ghall-go Triq il-Hortan, meta kien qed jara, u kien ilu jara lill-konvenut riesaq, u ghalhekk messu stenna li l-ewwel jghaddi l-konvenut. L-attur jghid li ma basarx li l-konvenut kien ser jidhol fih. F'dan is-sens it-Tribunal qed isib element ta' kontributorjeta` da parti ta' l-attur ghall-eventwali kollizzjoni. Anke d-danni subiti huma indikativi li t-tort kien tat-tnejn.**
9. **Irresponsabilita` ghall-kollizzjoni ghandha tigi sopportata ugwalment bejn il-partijiet.**
10. **Bhala danni l-attur sofra tlett mija u wiehed u erbghin lira (Lm341.00) in kwantu ghall-tlett mija tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm328.00) hsara skond id-DokRF1, kif ukoll ghaxar liri ghas-survey, u tlett liri ghar-rapport tal-pulizija. Il-konvenut sofra danni fl-ammont ta' tlieta u sebghin lira Maltija (Lm73.00) kif jirrizulta mid-Dok.AA1, AA2 u AA3 esebiti. Ghalhekk jigi li wara li jitnaqqas l-ammont dovut lill-konvenut, jibqa' li l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' mija erbgha u tletin lira Maltija (Lm134).**

**Ghaldaqstant peress li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut kienu jahtu ugwalment ghall-kollizzjoni li sehhet, it-Tribunal filwaqt li qed jilqa' t-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi bejniethom s-**

**somma ta' mija u erbgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm134), u lill-attur is-somma ta' tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12.50), bl-interessi li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**